



Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament  
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa  
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament  
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European  
Európsky parlament Evropski parlament Europan parlamenti Europaparlamentet

## L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

L-effiċjenza enerġetika hija prioritā strateġika għall-Unjoni tal-Enerġija, li hija mibnija fuq il-prinċipju “I-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel”. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika huma rikonoxxuti bħala mezz biex tinkiseb provvista enerġetika sostenibbli, jitnaqqsu l-emissionijiet ta' gassijiet serra, tissaħħaň is-sigurtà tal-provvista, jitnaqqsu l-kontijiet ta' importazzjoni u tkun promossa l-kompetittività Ewropea. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika evolviet b'mod sinifikanti fl-aħħar 15-il sena. Fl-2023, il-koleġiżlaturi żiedu l-mira tal-effiċjenza enerġetika, jiġifieri l-mira għat-tnaqqis tal-konsum finali tal-enerġija tal-UE, għal 11.7 % sal-2030.

## IL-BAŻI ġURIDIKA

L-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## IL-KISBIET

### A. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija

#### 1. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija: lejn I-2020

Id-Direttiva oriġinali dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija ([id-Direttiva \(2012/27/UE\)](#)), li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2012, tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu miri nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza fl-enerġija li jiżguraw li l-UE tilħaq il-mira ewlenija tagħha li tnaqqas il-konsum tal-enerġija b'20 % sal-2020. F'termini assoluti, il-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2020 ma kellux ikun aktar minn 1 474 u 1 078 miljun tunnellata tal-ekwivalenti taż-żejt (Mtoe) għall-enerġija primarja u finali rispettivament. L-Istati Membri kienu liberi li jagħmlu dawn ir-rekwiżiti minimi aktar stretti filwaqt li stinkaw biex jiffrankaw l-enerġija. Id-direttiva introduċiet ukoll sett ta' miżuri vinkolanti biex jgħinu lill-Istati Membri jiksbu din il-mira u stabbiliet regoli legalment vinkolanti għall-utenti finali u l-fornituri tal-enerġija. L-Istati Membri kienu meħtieġa jippubblikaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għall-effiċjenza fl-enerġija fuq tliet snin.

#### 2. Id-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija: lejn I-2030

F'Novembru 2018, bħala parti mill-pakkett dwar “[enerġija nadifa għall-Ewropej kollha](#)”, il-Kummissjoni pproponiet [reviżjoni](#) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, li żid il-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija primarja u finali għal 32.5% sal-2030, meta mqabbla mal-previżjonijiet dwar il-konsum tal-enerġija għall-2030 li saru fl-2007. F'termini assoluti, il-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2030 ma kellux ikun aktar minn 1 128 u 846 Mtoe għall-enerġija primarja u finali rispettivament. Id-direttiva obbligat ukoll l-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri biex inaqqsu l-konsum annwali tagħhom tal-



enerġija b'medja ta' 4.4 % sal-2030. F'konformità mar-[Regolament \(UE\) 2018/1999](#), I-Istati Membri kellhom jiproponu miri nazzjonali għall-enerġija u jistabbilixxu [pjaniżiet nazzjonali ta' 10 snin għall-enerġija u l-klima](#) (NECPs) għall-perjodu 2021–2030. Kull sentejn jeħtiġilhom ukoll jippreżentaw rapporti ta' progress li jiġu mmonitorjati u vvalutati mill-Kummissjoni, li tista' tieħu miżuri fil-livell tal-UE biex tiżgura l-konsistenza tagħhom mal-miri ġenerali tal-UE. Id-direttiva l-ġdida daħlet fis-señi f'Diċembru 2018 u ġiet trasposta mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali sal-25 ta' Ġunju 2020.

F'Lulju 2021, bħala parti mil-pakkett “[Lesti għall-Mira ta' 55%](#)”, il-Kummissjoni pproponiet l-ewwel [reviżjoni](#) għad-Direttiva dwar l-Efficċenza Enerġetika biex tallinja l-miri dwar l-efficċenza enerġetika tagħha mal-ambizzjoni klimatika l-ġdida tal-UE u inkorporat fil-leġiżlazzjoni l-prinċipju [l-Efficċenza Enerġetika tiġi l-Ewwel](#) bħala pilastru tal-[Unjoni tal-Enerġija](#). F'konformità ma' dan il-prinċipju, I-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-efficċenza enerġetika, inklużi r-riżorsi min-naħħa tad-domanda u l-flessibbiltajiet tas-sistema, jiġu vvalutati fid-deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri. Il-Kummissjoni pproponiet li tiżdied il-mira annwali vinkolanti tal-UE tal-efficċenza enerġetika għal mill-inqas 9% sal-2030, imkejla skont il-previżjonijiet aġġornati għall-2030 li saru fl-2020 (ekwivalenti għall-miri tal-efficċenza enerġetika għall-konsum tal-enerġija finali u primarja għal 39% u 36% sal-2030 rispettivament, imkejla skont il-previżjonijiet preċedenti li saru fl-2007). F'termini assoluti, il-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2030 skont il-proposta ma jkunx aktar minn 1 023 u 787 Mtoe għall-enerġija primarja u finali rispettivament sal-2030.

Il-proposta talbet lill-Istati Membri jistabbilixxu miri nazzjonali indikattivi għat-tnaqqis tal-enerġija, ipprovdi formula lill-Istati Membri biex jikkalkulaw il-kontributi tagħhom, introduċiet mekkaniżzi awtomatiċi mtejba li jikkumpensaw id-diskrepanzi u rdoppijat l-obbligu tal-Istati Membri li jiksbu ffrankar tal-enerġija annwali ġdid li jikkorrispondi għal 1.5% tal-konsum tal-enerġija finali bejn l-2024 u l-2030. Hija introduċiet ukoll rekwiżiti eżemplari għall-bini pubbliku, bħal mira annwali għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija ta' 1.7% għas-settur pubbliku u mira ta' rinnovazzjoni ta' mill-inqas 3% tal-erja totali ta' art tal-bini tal-amministrazzjoni pubblika. Ipproponiet ukoll li jittaffa l-faqar enerġetiku billi tingħata priorità lill-klijenti vulnerabbli u introduċiet obbligi ta' awditjar u rekwiżiti ta' kompetenza teknika, speċjalment għall-konsumaturi l-kbar tal-enerġija.

F'Mejju 2022, bħala parti mill-[pjan REPowerEU](#) tagħha insegwitu tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni pproponiet it-tieni reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Efficċenza Enerġetika, li tkompli żżid il-mira vinkolanti tal-efficċenza enerġetika minn 9% għal 13 %. F'termini assoluti, il-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2030 skont il-proposta ma jkunx aktar minn 1 980 u 750 Mtoe għall-enerġija primarja u finali rispettivament sal-2030.

Il-proposta tat-dettalji dwar bidliet fl-imġiba fuq terminu qasir biex titnaqqas id-domanda għall-gass u ż-żejt b'5% u ħeġġet lill-Istati Membri biex jibdew kampanji ta' komunikazzjoni spċifici mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u l-industrija u biex jużaw miżuri fiskali favur l-iffrankar tal-enerġija, bħal rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq sistemi tat-tiġħin, iżolazzjoni tal-bini u tagħmir u prodotti effiċċenti fl-enerġija. Hija stabbiliet ukoll miżuri ta' kontinġenza f'każ ta' interruzzjoni serja fil-provvista u ħabbret gwida dwar il-kriterji ta' prioritizzazzjoni għall-klijenti u l-faċilitazzjoni ta' pjan ikkoordinat tal-UE għat-tnaqqis tad-domanda. Bejn Lulju u Diċembru 2022, id-direttiva



ġiet ikkomplementata bl-introduzzjoni ta' miri ġodda għat-tnaqqis tad-domanda fis-suq intern tal-enerġija ([2.1.9](#)), inkluża mira volontarja għat-tnaqqis tal-gass ta' 15% (jew 45 biljun metru Kubu) bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, mira volontarja ta' tnaqqis gross tal-elettriċi ta' 10% bejn Diċembru 2022 u Marzu 2023 u mira obbligatorja ta' tnaqqis tal-elettriċi ta' 5% matul is-sigħat l-aktar intensivi.

#Id-Direttiva l-ġdida dwar l-Effiċjenza Enerġetika (id-[Direttiva \(UE\) 2023/1791](#)), li ilha fis-seħħi mill-10 ta' Ottubru 2023, tistabbilixxi l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE, jiġifieri t-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija primaria u finali fil-livell tal-UE, għal 11.7 % sal-2030, meta mqabbel mal-previżjonijiet tal-2030 dwar il-konsum tal-enerġija li saru fl-2020. F'termini assoluti, il-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2030 mhux ser ikun aktar minn 992.5 u 763 Mtoe għall-enerġija primaria u finali rispettivament sal-2030. Kull Stat Membru se jistabbilixxi kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika bbażat fuq il-konsum finali tal-enerġija biex il-ħaq il-mira vinkolanti tal-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni. L-Istati Membri ser jiksbu b'mod kumulattiv iffrankar tal-enerġija fl-użu finali sal-2030 ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0.8 % tal-konsum finali tal-enerġija sal-31 ta' Diċembru 2023, 1.3 % mill-1 ta' Jannar 2024, 1.5 % mill-1 ta' Jannar 2026 u 1.9 % mill-1 ta' Jannar 2028. Id-Direttiva introduċiet l-obbligu għas-settur pubbliku li jkollu rwol eżemplari: il-korpi pubbliċi tal-UE jridu jnaqqsu l-konsum finali totali tal-enerġija tagħhom b'mill-inqas 1.9 % kull sena meta mqabbel mal-2021, u jridu jirrinnaw mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ tagħħom kull sena. Hija stabbiliet ukoll obbligi ta' rapportar għaċ-ċentri tad-data, punti uniċi ta' servizz intiżi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, unitajiet domestiċi u korpi pubbliċi, u obbligi għall-ippjanar tat-tišħin u t-tkessiħ f'muniċipalitajiet b'popolazzjoni ta' aktar minn 45 000.

## B. Qafas ġenerali

### 1. Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

#### a. Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija

Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (id-[Direttiva 2010/31/UE](#)), emendata fl-2018, hija maħsuba biex tiżgura li kull Stat Membru jkollu stokk tal-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050. Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija tintroduċi strateġiji obbligatorji ta' rinnovazzjoni fit-tul għall-Istati Membri biex jiġu appoġġjati r-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini pubbliku u privat fi stokk ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050. Din taċċellera wkoll it-trasformazzjoni ta' bini eżistenti f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero" sal-2050, filwaqt li l-bini ġdid kollu huwa meħtieġ li jkun bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero mill-2021 'il quddiem, u tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-bini kollu b'teknoloġiji intelliġenti.

Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija biex tallinjaha mal-ambizzjonijiet tagħha li tkun newtrali għall-klima sal-2050. Ir-reviżjoni tistabbilixxi l-viżjoni u tiddeskrivi l-għodod biex jinkiseb stokk tal-bini b'emissionijiet żero sal-2050, tintroduċi definizzjoni ġidha ta' bini b'emissionijiet żero u tirfina d-definizzjonijiet eżistenti, bħal "bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero" u "rinnovazzjoni profonda". Din tissostitwixxi l-[istrategji ta' rinnovazzjoni fit-tul](#) bi pjanijjiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini, li huma aktar operazzjonali u soġġetti



għal monitoraġġ aħjar, li għandhom jiġu ppreżentati sat-30 ta' ġunju 2024. Hija żżid l-istandardi minimi tal-enerġija billi tirrikjedi li l-bini l-ġdid kollu tal-UE jkun b'emissjonijiet żero mill-2030 u l-bini pubbliku ġdid kollu mill-2027, il-bini mhux residenzjali kollu fil-klassi G tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jiġi rinnovat għal mill-inqas il-klassi F sal-2027 u l-klassi E sal-2030, u l-bini residenzjali kollu jilħaq mill-inqas il-klassi F sal-2030 u l-klassi E sal-2033. Ir-reviżjoni tiżgura standards nazzjonali komparabbli għaċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija sal-2025, tintroduċi passaporti volontarji ta' rinnovazzjoni sal-2024 u indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza sal-2026 u tippordi appoġġ finanzjarju biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

Fit-18 ta' Mejju 2022, wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna u f'konformità mal-pjan [REPowerEU](#), il-Kummissjoni emendat id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija billi saħħet l-appoġġ għall-enerġija solari fil-bini, inkluż installazzjoni obbligatorja magħżula introdotta gradwalment tal-enerġija solari fuq il-bjut (inizjattiva għall-bjut solari) u miżuri ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija.

### b. L-istratgeġja tal-mewġa ta' rinnovazzjoni

F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat l-istratgeġja ġdida [mewġa ta' rinnovazzjoni](#) biex tagħti spinta lir-rinnovazzjoni, li għandha l-għan li tal-inqas tirdoppja r-rati ta' rinnovazzjoni matul l-10 snin li ġejjin u tiżgura li r-rinnovazzjonijiet iwasslu għal effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi. L-inizjattiva tal-mewġa ta' rinnovazzjoni tibni fuq miżuri maqbula fl-ambitu tal-pakkett “Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha”, b'mod partikolari r-rekwiżit għal kull Stat Membru li jippubblika strateġija ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul, u l-aspetti relatati mal-bini tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' kull Stat Membru tal-UE.

## 2. Il-kōġenerazzjoni

Fil-qafas tal-pakkett tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni nediet [strateġija tal-UE dwar it-tišħin u t-tkessiħ](#) fl-2016 biex issaħħa l-effiċċjenza enerġetika tal-bini u ttejjeb ir-rabtiet bejn is-sistemi tal-elettriku u s-sistemi tat-tišħin distrettwali, u dan iżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, u jħeġġeġ l-użu mill-ġdid tas-sħana u l-kesħha mormija ġġenerati mill-industrija. Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi għal din l-istratgeġja huma inklużi fil-pakkett “Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha”.

Ir-reviżjoni tal-2018 tad-Direttiva dwar l-Efficienzoa Enerġetika obbligat l-Istati Membri li jivvalutaw u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-potenzjal għal kōġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u t-tišħin u t-tkessiħ distrettwali fit-territorju tagħnhom u li jwettqu analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċi abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiċi, il-fattibbiltà ekonomika u l-adegwatezza teknika (b'xi eżenżjonijiet).

Ir-reviżjoni proposta mill-Kummissjoni tad-Direttiva dwar l-Efficienzoa fl-Enerġija f'Lulju 2021 introduċiet ippjanar u segwit aktar stretti ta' valutazzjonijiet komprensivi, definizzjonijiet riveduti ta' tišħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti u kriterji addizzjonali għal emissjonijiet speċifiċi f'koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja (270g CO<sub>2</sub>/kWh). F'Mejju 2022, emenda dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija introduċiet obbligi fuq l-Istati Membri biex jippromwou l-użu ta' installazzjonijiet solari fuq il-bini.



### 3. L-effiċjenza enerġetika tal-prodotti

L-UE introduċiet diversi miżuri li jikkonċernaw l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, inklużi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (id-[Direttiva 2009/125/KE](#)) u l-istabbiliment ta' qafas għat-tikkettar tal-enerġija (ir-[Regolament \(UE\) 2017/1369](#)). Il-qafas il-ġdid għat-tikkettar tal-effiċjenza enerġetika tal-prodotti jelmina l-klassifikazzjonijiet A+, A++ jew A+++ u jerġa' lura għal skala A-G aktar sempliċi. Bejn l-2021 u 2023, il-Kummissjoni adottat deiversi regolamenti dwar l-ekodisinn u t-tikkettar enerġetiku fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tipi differenti ta' prodotti.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament talab kontinwament miri aktar ambizzjużi għall-effiċjenza fl-enerġija kif ukoll regolamenti aktar stretti.

Fis-17 ta' Jannar 2018, il-Parlament adotta [emendi fl-ewwel qari](#) fejn talab mira minima ta' 35% tal-effiċjenza enerġetika fl-UE sal-2030, ogħla mit-30% propost mill-Kummissjoni.

Fil-15 ta' Jannar 2020, il-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew li titlob li d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-Bini jiġu riveduti f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE. Fis-17 ta' Settembru 2020, il-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) favur il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE, u talab lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri konsistenti biex tistimula rinnovazzjoni aktar rapida u aktar profonda tal-bini.

Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Parlament adotta [emenda](#) dwar il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-effiċjenza enerġetika proposta mill-Kummissjoni bħala parti mill-pjan REPowerEU tagħha, għal mill-inqas 13% tal-konsum tal-enerġija finali sal-2030, meta mqabbel mal-projezzjonijiet tal-2020. Dan huwa ekwivalenti għal-limiti tal-konsum tal-enerġija finali u primarja ta' 740 Mtoe u 960 Mtoe rispettivament.

Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew iddefinixxa [l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari](#) dwar il-ħtieġa li bini residenzjali jikseb mill-inqas il-klassi E tar-rendiment fl-użu tal-enerġija sal-2030 u l-klassi D sal-2033 (għall-kuntrarju ta' F u E skont il-proposta tal-Kummissjoni) u dwar miżuri ta' appoġġ kontra l-faqar enerġetiku. Bini mhux residenzjali u pubbliku jkollu jikseb l-istess Klassijiet sal-2027 u l-2030 rispettivament. Sett limitat ta' eżenżjonijiet jaapplika għal bini speċjali (monumenti, bini tekniku, użu temporanju ta' bini jew knejjes, postijiet ta' qima, eċċ.) u għal akkomodazzjoni soċjali pubblika fejn ir-rinnovazzjonijiet iwasslu għal żidiet fil-kera li ma jistgħux jiġu kkumpensati minn iffrankar fuq il-kontijiet tal-enerġija, u għotjet u sussidji mmirati għandhom ikunu disponibbi għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Il-Parlament u l-Kunsill bħalissa jinsabu f'neozjati interistituzzjonali.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġgbok ara s-[sit web](#) tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija.

Matteo Ciucci



11/2023



Ġabra ta' informazzjoni dwar I-Unjoni Ewropea - 2024  
[www.europarl.europa.eu/factsheets/mt](http://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt)